**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 24 ta' Novembru, 2016**

Kawza Numru: 495/2016JB

Numru: 77

**Go plc (C22334)**

***vs***

**Shirley Brincat (K.I.: 771361M)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar is-26 ta' Ottubru 2016 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' seba' mija u tmintax-il euro u tmienja u sebghin centezmu (€718.78) liema somma tirraprezenta servizzi ta' telekomunikazzjoni pprovduti mis-Socjeta Attrici lill-Konvenuta. Talbet ukoll l-ispejjez u l-imghax;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra l-verbal tas-seduta tal-lum fejn gie miftiehem li jkun hemm dilazzjoni ta' pagamenti fuq medda ta' seba' xhur bl-ewwel pagament isir fil-15 ta' Jannar 2017 u jibqa' jsir kull 15 tax-xahar sakemm jinqata' l-ammont kollu dovut, fil-waqt li ma jiddekorrux l-imghaxijiet sakemm il-pagamenti jsiru fil-hin.

Sema' l-ammissjoni tal-Konvenuta;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta*

*waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi quddiem l-ammissjoni tal-Konvenuta, huwa car li t-talba Attrici tisthoqq li tigi milqugha hekk kif dedotta, soggett naturalment ghal dak verbalizzat fis-seduta tal-lum;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, fuq l-ammissjoni tal-Konvenuta, jilqa' t-Talba Attrici u jikkundanna lill-Konvenuta thallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €718.78 bl-imghax legali skond il-ligi cjoe b'effett mid-data tan-notifika tal-avviz tat-talba b'dan li – konformement ma' dak verbalizzat – din is-sentenza mghandhiex tigi esegwita kemm-il darba l-Konvenuta taghmel pagamenti mensili ta' mhux anqas minn mija u zewg euro (€102) bl-ewwel wiehed ikun nhar il-15 ta' Jannar 2017 f'liema eventwalita wkoll l-imghax mghandux jiddekorri. L-ispejjez ikunu a karigu tal-Konvenuta.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*